




European Securities and  
Markets Authority

# Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet

Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet dwar il-ftehimiet bil-miktub bejn il-kulleġġi CCP



## Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni	3
II. Skop	3
III. Obbligi ta' konformità u rappurtar	4
IV. Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet	4

## I. Kamp ta' applikazzjoni

### Min?

1. Dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs).

### Xiex?

2. Dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet jiddefinixxu l-ftehim bil-miktub li NCA ta' CCP għandha tipproponi bħala parti mill-istabbilment ta' kulleġġ skont l-Artikolu 18 tal-EMIR (kulleġġi tas-CCP) biex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 15, 17, 49, 51 u 54 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar id-Derivattivi OTC, is-CCPs u r-Repożitorju tat-Tranżazzjonijiet (EMIR) u l-membri tal-kulleġġ CCP għandhom jilħqu ftehim qabel il-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-kulleġġi.
3. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet ma jintroduċux rekwiżiti ġodda għas-CCPs flimkien ma' dawk speċifikati fl-EMIR jew l-istandards tekniċi rilevanti. Minflok jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-NCAs fl-istabbilment, il-ġestjoni u l-presidenza tal-kulleġġi CCP skont l-EMIR.

### Meta?

4. Dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw minn[data li għandhom li jiġu inklużi fil-verżjoni finali ta' dan id-dokument wara l-pubblikazzjoni tagħhom mill-ESMA fuq il-websajt tagħha bil-lingwi uffċjali tal-Unjoni Ewropea].

## II. Skop

5. Kif intqal fl-Opinjoni maħruġa mill-ESMA fl-14 ta' Marzu 2013 (ESMA/2013/312) u f'konformità mal-Premessa 5 tal-abbozz tal-RTS dwar il-kulleġġi CCP, l-ESMA tqis li ftehim bil-miktub standard introdott permezz tal-Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet tal-ESMA skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA sejjer jiffaċilita l-istabbilment tal-kulleġġi. Barra minn hekk, l-ESMA tqis li mekkaniżmu ta' konformità jew spjegazzjoni dwar il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet jista' jaħdem bħala mekkaniżmu bikri biex jiġi żgurat l-istabbilment tal-kulleġġ, qabel ma jiġu attivati l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
6. Meta NCA tagħżel li ma taqbilx mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim bil-miktub standard inkluż fil-Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet, li jistgħu jaffettwaw l-istabbilment ta' kulleġġ skont l-Artikolu 18(5) tal-EMIR u tal-awtorizzazzjoni tas-CCP, l-NCA għandha tkun meħtieġa tiġġustifika dawn id-deċizzjonijiet filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha.

### III. Obbligi ta' konformità u rappurtar

#### Status tal-linji gwida

7. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, l-NCAs għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet.

#### Rekwiżiti ta' rappurtar

8. L-NCAs li japplikaw għalihom dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew humiex behiesbhom jikkonformaw mal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni mill-ESMA fuq [post-trading@esma.europa.eu](mailto:post-trading@esma.europa.eu). F'nuqqas ta' rispons sa din id-data ta' skadenza, l-NCAs jitqiesu bħala mhux konformi. Huwa disponibbli mudell għan-notifiki mill-websajt tal-ESMA.

### IV. Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet dwar ftehimiet bil-miktub bejn il-membri tal-kulleġġi CCP

9. Meta jitqies ir-rekwiżit fl-Artikolu 18(5) tal-EMIR li l-istabbilment u l-funzjonament ta' kulleġġ CCP għandhom ikunu bbażati fuq ftehim bil-miktub bejn il-membri kollha tiegħu, u f'konformità mal-Premessa 5 tal-abbozz tal-RTS dwar il-kulleġġi CCP, l-NCAs għandhom jipproponu ftehim bil-miktub skont il-ftehim bil-miktub standard inkluż fil-Linja Gwida u l-Ewwel Rakkomandazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet meta jiġi stabbilit kulleġġ tas-CCP skont l-Artikolu 18(5) tal-EMIR.
10. Bl-istess mod, il-membri ta' kulleġġ CCP, li jkollhom quddiemhom ftehim bil-miktub skont l-Artikolu 18(5) tal-EMIR għandhom jaqblu ma' dan il-ftehim bil-miktub.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.



## **L-EWWEL LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: FTEHIM BIL-MIKTUB STANDARD**

(Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Meta jiġi stabbilit kulleġġ CCP skont l-Artikolu 18 tal-EMIR, NCA għandha tipproponi ftehim bil-miktub skont l-istandard bil-miktub standard inkluż fl-Anness I.

## **IT-TIENI LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: ADOZZJONI TAL-FTEHIM BIL-MIKTUB MILL-MEMBRI TAL-KULLEĠĠ**

(Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Meta jkollha quddiemha ftehim bil-miktub għall-istabbiliment u l-funzjonament ta' kulleġġ CCP li ma jmurx lil hinn mill-ftehim bil-miktub standard inkluż fl-Anness I, NCA għandha taqbel ma' dan il-ftehim bil-miktub fi żmien 12-il jum kalendarju mill-irċevuta u għandha tevita li titlob bidliet fil-ftehim bil-miktub li jintroduċu devjazzjoni mill-ftehim bil-miktub standard.

Għall-finijiet ta' din il-linja gwida, proposta biex jiġu fdati kompiti addizzjonali lil membru tal-kulleġġ jew aktar relatati maċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' CCP individwali ma għandhiex titqies bħala devjazzjoni mill-ftehim bil-miktub standard.